MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 566/2009

**Go Plc (C22334)**
**Vs**
**Publius Said ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Jolly Leisures Co. Limited (C15996)**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' tliet mija u erbatax-il ewro u sitta u tmenin ewro centezmu (€314.86) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta' konvenuta lil Go Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21226118 skont kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat Dok. A.

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex tghaddi ghal hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Art 166A tal-kapitlu 16 tal-Ligijijet ta’ Malta u bl-imghaxijiet mid-data ta’ l-ahhar pagament u cioe’ mid-19 ta’ Ottubru, 2005 kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-attti li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Illi fis-seduta tad-9 ta’ Novembru, 2009 deher il-konvenut u xehed dwar il-fatt illi ma kienx dahhal risposta. Id-difensur tas-socjeta’ attrici ma oggezzjonax li t-Tribunal jaghtih aktar zmien sabiex jiprezenta risposta skont il-ligi . Illi t-Tribunal akkkordalu sas-16 ta’ Novembru, 2009 sabiex idahhal risposta.

Illi fis-seduta sussegwenti u cioe’ fis-seduta tat-18 ta’ Novembru, 2009 deher Publius Said ghan-nom u in raprezentanza tas-socjeta’ Jolly Leisure company Limited (C-15996) fejn spjega ghaliex reggha ma dahhalx risposta u minflok ammetta t-talba.

It-Tribunal jidhirlu illi b’ammissjoni stess tal-konvenut nomine s-socjeta’ attrici ppruvat il-kaz taghha.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------